MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 13/2005

Tania Buttigieg .

vs

Paul Angel Formosa .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet:

Illi ż-żwieġ apparentement ikkontrattat bejn il-partijiet kontendenti fit-tnejn u għoxrin (22) ta' frar tas-sena elfejn (2000) – ċertifikat taż-żwieġ 7/2000 anness u markat bħala Dokument A – kien null kif ser jiġi ppruvat dettaljatament fil-kors tal-kawża, minħabba li l-kunsens tal-attriċi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-

dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 Dwar iż-Żwieġ ;

Ukoll li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet kontendenti kien null minħabba li l-kunsens tal-attriċi kien inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ a tenur tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 Dwar iż-Żwieġ ;

Ukoll li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet kontendenti kien null minħabba li l-kunsens tal-konvenut għar-rabta taż-żwieġ kien ikkondizzjonat, ai termini tal-artikolu 19 (1) (g) tal-Kap. 255 ;

Ukoll li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet kontendenti kien null minħabba li l-kunsens tal-attriċi kien inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra u li mix-xorta tagħha kienet tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, ai termini tal-artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255, kif ukoll kien vizjat minħabba biża u vjolenza morali, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-istess kawża .

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. L-imsemmi żwieġ li sar bejn il-kontendenti fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2000 kien null u bla effett sa mill-ewwel ġurnata tiegħu minħabba r-raġunijiet u kawżali hawn fuq imsemmija jew xi waħda jew aktar minnhom, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

2. Tiddikjara lilek konvenut responsabbli għan-nullita' ta' dan iż-żwieġ ;

3. Tagħti dawk l-ordnijiet u provediment sabiex iż-żwieġ hekk dikjarat null jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex għal kull fini u effett tal-liġi ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-istess Kap. 255 Dwar iż-żwieġ .

Bl-ispejjeż .

Bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa imħarrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attriċi debitament ikkonfermata bil-ġurament tagħha .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut li minkejja li ġie notifikat b'din il-kawża fis-7 ta' Settembru 2005 għazel li jibqa' kontumaċi .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, l-affidavits u dokumenti esebiti .
Rat in-nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-attriċi .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-kawża preżenti l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ taż-żwieġ tagħha mal-konvenut għax allegatament :

1. il-kunsens tal-konvenut għal dan iż-żwieġ kien ivvizzjat minħabba f'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenjali taż-żwieġ ;

2. il-kunsens ta' l-attriċi kien inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ ;

3. il-kunsens tal-konvenut għar-rabta taż-żwieġ kien ikkondizzjonat ;

4. il-kunsens ta' l-attriċi kien inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra li mix-xorta tagħha kienet tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa ;

5. il-kunsens tagħha kien ukoll vizzjat minħabba biża u vjolenza morali .

Illi l-prova ta' kwalunkwe waħda minn dawn ir-raġunijiet, kollha elenkati taħt l-artikolu 19 tal-Kap. 255, hija suffiċjenti biex tirrendi żwieġ null skond il-liġi tagħna . Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa għalhekk li tara u teżamina jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, jistgħux iwassluha għall-konklużjoni illi teżisti xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li tirrendi żwieġ null skond l-Att dwar iż-Żwieġ .

L-attriċi ssostni illi hija ġiet imġegħla mill-ġenituri tagħha sabiex tiżżewweġ lill-konvenut sempliċement għax kienet ħarġet tqila minn relazzjoni qasira li kellha miegħu . Infatti jirriżulta mid-dokumenti esebiti illi l-kontendenti żżewġu fit-22 ta' Frar 2000[1] u t-tarbija twieldet fis-16 ta' Ġunju 2000,[2] u ċioe' inqas minn erba' xhur wara . Żgur għalhekk illi din it-tarbija ġiet konċepita qabel iż-żwieġ .

Din ir-raġuni mressqa mill-attriċi hija dik kontemplata fl-artikolu 19(1)(a) tal-Liġi taż-Żwieġ . Fuq il-vjolenza bħala vizzju tal-kunsens u għalhekk raġuni għan-nullita' ta' żwieġ il-**Borsari** jgħid illi :

"*Che la violenza sia contraria alla liberta' del consenso nel matrionio come in qualsivoglia altra convenzione umana,non e' chi dubiti . Eppure, ben considerando, si vede che nell'atto pratico il dolo puo' influire ancor piu' della violenza, che cessa nell'aula serena del magistrato e alla sua presenza, sicche' in quel momento siete perfettamente libero . Per contro, voi rimanete sotto la impressione dei tanti artifici che hanno condotto a quel passo,e piu' tardi soltanto vi sara' dato di scoprire l'inganno .*

*La violenza e' fisica o morale: essa deve presentare i caratteri che sono divisati negli articoli 1112, 1113 e 1114, e costituiscono la teoria della violenza in quanto e' causa di nullita' dei contratti . Apprezzarla nelle sue circostanze*

[1] Dok. A anness maċ-ċitazzjoni a fol. 5 tal-process .
[2] ara ċertifikat tat-twelid a fol. 17 . .

*concrete e' ufficio del giudice, che in materia si grave come la presente, vorra' ben essere persuaso che il matrimonio e' stato il prodotto diretto e certo di una violenza irresistibile"* (Commentario del Codice Civile Italiano : ed. 187I # 279 pag. 400) .

Il-ġurista franċiż **Toullier** jidħol iktar fid-dettal u jispjega fuq din ir-raġuni ta' nullita' illi :

"….. *il costringimento puo' essere morale e nascosto : lo spirito puo' essere costretto, sebbene il corpo sia libero . Tale costringimento puo' provenire o da cattivi trattamenti, o da minacce anteriori al momento della celebrazione del matrimonio : il timore che ne risulta puo' esser tale che determini la persona costretta a dare suo malgrado innanzi l'uffiziale dello stato civile un consenso libero in apparenza .*

*Vi ha dunque allora consenso da parte di chi agisce per timore, perche' egli si determina con un atto di sua volonta' eseguito con riflessione, la sua scelta cade sopra due cose, ad ambe le quali egli in verita' ripugna, ma egli in fine sceglie, e non ci ha scelta senza volonta' o senza consenso .*

*….. Se vi ha una specie di volonta' nella persona che ama meglio contrarre un matromonio di sua ripugnanza che esporsi ad un male maggiore, la sua liberta' e' relattiva ed il costringimento e assoluto . Il consenso imperfetto che ella da' al matrimonio, coincide colla volonta' di non contrarlo, se non vi era forzata con un illegale costringimento . Un simile consenso non puo' essere valido, perche' non e' libero . Il matrimonio e' dunque nullo, quando anche' l'altro sposo non fosse autore ne' complice della violenza, quando anche egli l'avesse ignorata, art. 1111; con piu' di ragione se egli fosse stato a parte della violenza . Imperocche' allora egli non avrebbe piu' diritto ad accettare una promessa estorta con una violenza a lui imputabile, e di cui e' obbligato a riparare le conseguenze, egualmente che a risarcire il danno che ne ha sofferto la persona violentata .*

*Non ogni specie di costringimento basta per annulare il consenso . Uopo e' che la violenza sia tale da fare impressione "sopra una persona ragionevole, e possa ispirare il timore di esporre la persona propria o le facolta' ad un male considerevole e presente . Si riguardano in questa materia la eta', il sesso e la condizione delle persone"(art. 1112) .*

*….. E' di necessita' in fine che il costringimento abbia direttamente per oggetto il matrimonio*."
(Il Diritto Civile Francese, 2da ed. Napoletana –1830 ; *Della violenza o del costringimento* pag. 355 – 356) ; (ara wkoll sentenza tal-Prim'Awla tal-15.7.1983 (Imħallef W. Gulia j.) u oħra ta' din il-Qorti tas-7.3.1986 (Maġ. N. Cuschieri) dwar annullament ta' żwieġ għal raġunijiet simili ta' vjolenza fiżika u morali u/jew biża' bħala vizzju tal-kunsens, b'applikazzjoni wkoll tal-prinċipji ġenerali tal-kuntratti) .

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami insibu illi jirriżulta mill-affidavit ta' **l-attriċi**,[3] illi din ħarġet tqila wara relazzjoni qasira ta' ftit xhur mal-konvenut meta kellha għoxrin sena, u t-tarbija twieldet l-Istati Uniti ta' l-Amerika kważi erba' xhur wara li l-kontendenti żżewġu f'ċerimonja ċivili f'Għawdex[4] . Fi kliem l-istess attriċi :

*"L-unika motiv għaliex jiena żżewwiġt kienet din it-tqala mhix mistennija . Ma kelli l-ebda ħsieb la jiena u lanqas Paul Angel li niżżewġu . Dak iż-żmien jien kelli għoxrin sena u Paul Angel Formosa kien tlett xhur akbar minni . Kien ilna biss ftit xhur noħorġu flimkien . Kienet sempliċement avventura . … Il-ġenituri tiegħi huma persuni tal-antik, b'sens kbir ta' morali u qatt ma immaġinaw li waħda minn uliedhom sejra toħroġ tqila qabel iż-żwieġ . Missieri bidwi u dejjem ħadem fir-raba' … . Għaldaqstant wieħed jista jimmaġina f'dan ix-xenarju x'pandemonju nqala' meta jien sirt tqila minn Paul Angel Formosa . Ommi dak iż-żmien kienet ukoll tqila b'oħti ż-żgħira li llum għandha sitt snin u l-inkwiet ma kienx jgħodd*

[3] a fol. 12 – 15 .
[4] ara ċertifikati relattivi esebiti fil-process .

*għaliha . Għal xahrejn sħaħ kont ħbejt mill-ġenituri tiegħi li kont tqila . Lil Paul Angel Formosa għidtlu li kont tqila . Qabdu paniku sħiħ għaliex huwa kellu l-ħsieb li jmur l-Amerika biex taparsi jsib xogħol hemm u jrabbi l-għaqal . Huwa ma riedx li dan il-pjan tiegħu jisfa fix-xejn .*

*Bdejt inħoss li ma għandix fuq min nistrieh u minn kif beda jaġixxi Paul Angel bdejt inħossni waħdi f'baħar imqalleb . Wara xi xahrejn kelli ngħid lill-ġenituri tiegħi bit-tqala għax ma kelli l-ebda triq oħra, kont bdejt nidher u kont inkun ma niflaħx ħafna . Wieħed jista' jimmaġina x'pandemonju inqala' fid-dar b'missieri jgħajjat li ser joqtolni u qalli li aħjar nitlaq 'l barra mid-dar għaliex kont id-diżunur tal-familja . Ommi żammet kwieta imma kienet dejjem tibki u tipprova tikkalma l-affarijiet . Qaltli biex niżżewweġ u nserħilha rasha għax hi kienet tqila wkoll u l-inkwiet ma kienx jgħodd għaliha . Qaltli li kien ikun tort tiegħi li kieku ġrat xi ħaġa lil dik it-tarbija li kienet qed iġġorr hi . Il-ġenituri tiegħu riduna niżżewġu wkoll u kelli ħafna pressure min-naħa t'ommu . Kienet mara fuq tagħha ħafna . Din ukoll qabadha ferħ ta' ġenn għax qalet li issa ser niġu f'ilsien in-nies . Jien bżajt minnha għax kienet tidher li kollox kif tgħid hi u sirt naf li mhux ta' min imur kontra l-kelma tagħha .*

*Jien kont ili nirrifletti dwar x'sejra nagħmel b'ħajti u xtaqt li ma niżżewiġx għax lil Paul Angel Formosa ma kienx ili nafu ħafna u kont naf li huwa xtaq biss li jitla' l-Amerika … Meta tkellimt mal-ġenituri tiegħi qaluli li la żbaljajna irridu nġorru r-responsabilita' aħna u riduna niżżewġu akkost ta' kollox . Riedu li binti jkollha missier fil-familja u ma tkunx illeġittima . Ma kelli l-ebda triq oħra ħlief li niżżewweġ*[5] *.*

Dwar dawn il-fatti l-attriċi ġiet ikkorroborata sew minn ommha kif ukoll minn missierha .

Infatti **Jane Buttigieg**, omm l-attriċi, stqarret illi :

"*Illum wara li għaddejna mill-inkwiet kollu, jien u missierha, ngħid li għamilna żball kbir li użajna pressjoni*

[5] ara affidavit ta' l-attriċi a fol. 12 - 13 .

*kbira fuqha biex tiżżewweġ . Konna naħsbu li ż-żwieġ kien is-soluzzjoni tal-problema u li żewġha, għalkemm ma kienx matur, malli titwieled it-tarbija kien sejjer irabbi ftit ta' għaqal u li t-tarbija kienet ser tgħaqqadhom bejniethom*"[6] .

Hekk ukoll **Mario Buttigieg**, missier l-attriċi, ammetta illi:

" *Dejjem intambru fuqha biex tara l-kumpanija ma' min tagħmilha u biex twarrab il-kumpanija ħażina . Kont nibża' ħafna li xi ħadd mill-ħbieb idaħħalha fil-vizzju tad-droga u fuq kollox kont inwissiha biex toqgħod attenta u ma tagħmel xejn li wara kien jiddispjaċiha dwaru . Kont inwissiha li jekk hija toħroġ tqila ma kelliex għalfejn tersaq aktar lejn id-dar tiegħi. … Meta kellha għoxrin sena sirt naf li qiegħda toħroġ ma' ċertu Paul Angel Formosa … Wara ftit faqqet is-sajjetta fil-bnazzi . Ġara dak li jiena kont dejjem nibża' li jiġri . Kienet ġurnata niftakar tal-Ħadd u wara li dħalt lura d-dar mill-quddies, sibt lil marti u lil-binti fuq il-mejda tal-kċina . Marti kienet b'għajnejha ħomor . Kien jidher li kienet qegħda tibki . Binti kienet bil-qegħda . Għedtilhom x'ġara . Marti qaltli biex noqgħod bil-qegħda . Bdiet tgħid xi kliem u fl-aħħar qaltli li Tania kienet ħarġet tqila minn ta' Paul Angel Formosa . Ridt l-art tiblani . Id-demm tela' kollu għar-rasi u b'rabja qlibt is-siġġu tal-kċina fl-art u mort niġri lejn binti u labtilha daqqa ġo wiċċha … Ma kontx naf x'ser naqbad nagħmel … Ħsibt u ħsibt u għamilt ljieli sħaħ ma norqodx . Ma ridtx li n-nies jgħidu bina u fuq kollox ridt li t-tarbija ma tkunx imniżżla ta' xi unknown father imma ridt li din ikollha missier . Għalhekk wara qisu xi xahar kellimt lil Tania u għidtilha li hemm bżonn li terġa' tirranġa ma' Paul Angel Formosa u jaħsbu biex jiżżewġu fl-interess tat-tarbija u fuq kollox sabiex in-nies ma jkomplux jgħidu bina . Ommha kienet ta' l-istess opinjoni . Tanja ma riditx tiżżewweġ . Qaltilna li hija kienet taħdem bħala 'facilitator' u bil-paga tagħha kienet tgħix hija u kellha biex trabbi u tmantni t-tarbija tagħha . Bqajna neżerċitaw pressjoni fuqha u jiena anki wissejtha li jekk hija ma kienitx sejra tiżżewweġ, ma kellhiex għalfejn tħares lejn wiċċi aktar . Frott tal-pressjoni li jiena u marti*

[6] ara affidavit tagħha a fol. 34 .

*għamilna fuqha, hija fl-aħħar ipperswadiet ruħha li terġa' taqbad ma' Paul Angel Formosa bl-iskop li huma jiżżewġu mill-aktar fis possibbli."* [7]

Huwa evidenti minn dan kollu illi l-attriċi ma kienitx libera fl-għażla tagħha illi tiżżewweġ lill-konvenut . Fil-preokkupazzjoni tagħhom biex in-nies ma jgħidux bihom u li t-tarbija ma tkunx illegittima, il-ġenituri ta' l-attriċi użaw ħafna pressjoni morali fuqha biex jikkonvinċuha kontra kull rieda tagħha sabiex tiżżewweġ lill konvenut, kif ukoll għamlet omm l-istess konvenut, għalkemm forsi mhux daqstant b'mod konvinċenti daqs kemm kienu l-ġenituti tagħha . Missier l-attriċi, hekk kif sar jaf bit-tqala għamilhielha ċara li jekk ma tiżżewwiġx malajr kienet ser tiksirha għal kollox miegħu . Ta' bniedem b'fehmiet pjuttost tradizzjonali, l-akbar preokkupazzjoni tiegħu kien li ma joħloqx skandlu man-nies u mhux li bintu kienet ser tagħmel pass bħal dan kontra l-volonta' tagħha u bil-konsegwenzi koroh kollha li tali żwieġ sfurzat x'aktarx kien ser iġib fuqha . L-istess għamlet ommha, li flok appoġġjat lil bintha fis-sitwazzjoni diffiċli li sabet ruħha fiha, kienet ta' l-istess fehma ta' żewġha u bl-iskuża li seta' jiġri xi ħaġa lit-tqala tagħha, kompliet tikkonvinċi lill-attriċi sabiex tiżżewweġ lill-konvenut, minkejja li din assolutament ma rieditx tagħmel hekk .

Jirriżulta għalhekk sodisfaċentement ippruvat illi dan iż-żwieġ kien ivvizzjat bil-vjolenza morali u biża‘ fil-grad spejgat fil-prinċipji legali hawn fuq esposti . Din il-vjolenza ġiet eżerċitata da parti tal-ġenituri ta' l-attriċi, li unikament għall-wiċċ in-nies ħassew il-bżonn li jġiegħlu lil binthom tiżżewweġ lill-konvenut, u dana mingħajr ma tħallitilha ebda għażla libera .

Għaldaqstant m’hemm l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha teżamina r-raġunijiet l-oħra msemmija mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni tagħha għaliex l-istess żwieġ kien null .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, tilqa’ t-talba attriċi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-kontendenti li sar fit-

[7] ara affidavit tiegħu a fol. 36 – 37 .

tnejn u għoxrin (22) ta’ Frar tas-sena elfejn (2000) kien null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi mill-ewwel ġurnata tiegħu minħabba vjolenza morali u biża’ a tenur ta’ l-artikolu 19 (1)(a) tal-Kap. 255 .

L-ispejjeż tal-kawża, billi ma rriżultax illi l-konvenut kellu xi sehem fil-vjolenza morali subita mill-attriċi, għandhom jiġu ssoportati mill-istess attriċi .

Fl-aħħarnett tordna illi kopja uffiċċjali ta’ din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex sabiex isiru d-debiti notamenti fuq l-Att ta’ Żwieġ relattiv skond il-liġi .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------